

31993D0053

L 13/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.1.1993

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 1992

li jistabbilixxi kumitat xjentifiku għad-denominazzjonijiet ta' l-orijini, indikazzjonijiet ġeografiċi u ċertifikati ta' karattru speċifiku

(93/53/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Billi fil-qafas tal-protezzjoni tal-Komunità tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, ir-reġistrazzjoni tagħhom tista' tinvolvi l-eżami ta' problemi li jikkonċernaw in-natura ġenerika ta' isem u l-fatturi li għandhom jitqiesu meta tkun definita d-denominazzjoni ta' l-orijini u l-indikazzjoni ġeografika għall-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel, fuq naħa waħda, u l-applikazzjoni ta' kriterji rigward il-kompetizzjoni ġusta fit-transazzjonijiet kummerċjali u l-perikolu li jitħawdu l-konsumaturi fit-tifsira ta' l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92⁽¹⁾ fil-każijiet meta hemm konflitt bejn id-denominazzjonijiet ta' l-orijini jew l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-trademark, omonimi jew prodotti eżistenti li huma mibjugħa legalment, fuq l-oħra;

Billi fil-qafas tal-protezzjoni tal-Komunità ta' ċertifikati ta' karattru speċifiku, ir-reġistrazzjoni tagħhom tista' tinvolvi l-eżami ta' problemi dwar l-istima tan-natura tradizzjonali ta' prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel;

Billi t-tfittxija għal soluzzjoni għal dawn il-problemi tehtiegħ l-assistenza ta' esperti kwalifikati ħafna bi sfond legali jew l-agrikoltura, u partikolarment bl-għarfien tad-drittijiet tal-propjetà intellettuali;

Billi huwa għalhekk xieraq li jkun stabbilit kumitat xjentifiku biex jassisti l-Kummissjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kumitat xjentifiku, minn hawn 'il quddiem msejjaħ "il-kumitat", huwa b'dan stabbilit biex jassisti l-Kummissjoni.

Artikolu 2

Il-ħidma tal-Kumitat għandha tkun li teżamina, fuq talba tal-Kummissjoni, il-problemi tekniċi kollha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 u r-Regolament tal-Kunsill

(KEE) Nru 2082/92⁽²⁾ fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' l-ismijiet ta' prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel u każijiet ta' konflitt bejn l-Istati Membri, partikolarment:

1. il-fatturi li għandhom jitqiesu meta jkunu definiti indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' l-orijini u eċċezzjonijiet għalihom, partikolarment reputazzjoni u fama eċċezzjonali;
2. natura ġenerika;
3. l-istima tan-natura tradizzjonali;
4. l-istima ta' kriterji rigward il-kompetizzjoni ġusta fit-transazzjonijiet kummerċjali u r-riskju li jitħawwdu l-konsumaturi f'każijiet ta' konflitt bejn id-denominazzjoni ta' l-orijini jew indikazzjoni ġeografika u t-trademark, omonimi jew prodotti eżistenti li huma mpoġġija fis-suq legalment.

Artikolu 3

1. Il-membri tal-Kumitat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn fost esperti kwalifikati ħafna bil-kompetenza fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2.
2. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn seba' membri u seba' membri alterni awtorizzati biex jipparteċipaw fil-laqgħat.

Artikolu 4

1. Il-Kumitat għandu jeliġi President u Viċi-President minn fost il-membri tiegħu.

Għandhom ikunu eletti fuq bażi ta' maġġoranza sempliċi.

2. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi s-segretarjat għall-Kumitat.

Artikolu 5

Il-proċeduri tal-Kumitat għandhom ikunu validi biss meta l-membri kollha tiegħu jkunu preżenti. Il-Kumitat għandu jagħti opinjoni favorevoli meta l-voti favur jeċċedu l-voti kontra. Meta voti favur u voti kontra ikunu indaqs, l-astenzjoni għandha tkun kunsidrata bħala vot favur.

⁽¹⁾ ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 208, 24. 9. 7, p. 13.

Artikolu 6

1. Il-Membri għandhom jinħatru għall-terminu ta' ħames snin, liema terminu għandu jiġġedded. Iżda, iż-żmien tal-kariga tal-President u l-Viċi-President għandu jkun ta' sentejn. Ma jistgħux ikunu ri-eletti minnufih wara li jkunu qdew id-dmirijiet tagħhom għall-żewġ perjodi konsekuttivi ta' sentejn. Il-Membri m'għandhomx ikunu mħallsa għas-servizzi tagħhom.

2. Ma' l-egħluq tal-perjodu ta' ħames snin jew sentejn, kif ikun il-każ, il-membri, il-President u l-Viċi-President għandhom jibqgħu fil-ħatra sakemm jinbiddu jew il-ħatriet tagħhom jiġġeddu.

3. Meta membru, President jew Viċi-President ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu jew fil-każ tar-riżenja tiegħu, hu għandu jinbidel għall-perjodu li fadal taż-żmien tal-kariga tiegħu, skond il-proċedura provduta fl-Artikoli 3 u 4, kif ikun il-każ.

Artikolu 7

1. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fuq talba ta' rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni u l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Kummissjoni konċernati għandhom jattendu l-laqgħat tal-Kumitat.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden esponenti ewlenin bi kwalifiki speċjali fis-suġġetti taħt studju biex jattendu dawn il-laqgħat.

Artikolu 8

1. Il-proċeduri tal-Kumitat għandhom jirrelataw mal-materji li dwarhom il-Kummissjoni tkun talbet opinjoni.

Il-Kummissjoni tista' tispeċifika perjodu li fih għandha tingħata din l-opinjoni.

2. Meta l-opinjoni mitluba hija soġġetta ta' ftehim unanimu mill-membri tal-Kumitat, għandhom jistabbilixxu il-konklużjonijiet konġunti tagħhom. Fin-nuqqas ta' l-unanimità, id-diversi posizzjonijiet adottati matul il-proċeduri għandhom jiddaħħlu f'rapport magħmul taħt ir-responsabbiltà tas-segretarjat tal-Kumitat.

Artikolu 9

Meta r-rappreżentant tal-Kummissjoni jinforma l-membri tal-Kumitat li l-opinjoni mitluba tirrigwarda suġġett ta' natura konfidenzjali, dawk il-membri għandhom ikunu taħt obbligu biex ma jiżvelawx l-informazzjoni li tkun ġiet għall-għarfien tagħhom permezz tax-xogħol tal-Kumitat.

Magħmula f'Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni